**10 ta' Ġunju, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

Emmanuele Bruno

**Maintenance Order — Konferma — Deċiżjoni dwar nullità taż-żwieġ "ope exceptionis".**

*Meta f'kawża ta' konferma ta' "provisional maintence order" il-konvenut jitlob illi l-Qorti tippermettilu jimpunja ż-żwieġ*

***"ope exceptionis" u l-mara li tkun qegħda fil-pajjiż minn fejn emana l-ordni provviżorju, għalkemm oriġinarjament parti, ma tkunx preżenti fit-trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Qorti imsejħa sabiex tiddeċiedi għandhiex jew le tikkonferma dak l-ordni, huwa kontra l-prinċipju fondamentali tal-"audi alteram partem' illi din il-Qorti tippronunzja ruħha fuq materja tant gravi bħal validità jew eżistenza taż-żwieġ mingħajr il-kontestazzjoni tal-konjugi l-ieħor bħala leġittimu kontradittur b'azzjoni apposita deċiża in via prinċipali, jew almenu mingħajr ma tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti oriġinali sabiex tisma' l-provi ulterjuri fuq dak l-inċident.***

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni maħruġa minn din il-Qorti fit-8 ta' Frar, 1963, li bih Emmanuele Bruno ġie mħarrek biex — wara li tkun ġiet magħmula kull dikjarazzjoni meħtieġa u jkun ġie mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn;

Jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex tikkonferma l-ordni mogħti mill-Court of Summary Jurisdiction fin-North London Metropolitan Magistrates Court, fil-21 ta' Novembru, 1962, fuq talba ta' Margaret Bruno, mart l-imsemmi Emmanuel Bruno, skond il-Matrimonial Proceedings (Magistrates Court) Act 1920, b'liema ordni dik il-Qorti provviżorjament (1) ordnat illi l-kura ta' Antoinette li twieldet fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru, 1959, Carmen Joan li twieldet fl-għaxra (10) ta' Mejju, 1961, u Martin William li twieled fis-sitta u għoxrin ta' Settembru, 1962, li huma taħt is-sittax-il sena u li twieldu miż-żwieġ tal-istess Emmanuel Bruno u Margaret Bruno, tiġi fdata lill-omm u (2) ikkundannat lill-imsemmi Emmanuel Bruno jħallas lil Margaret Bruno permezz taċ-Chief Clerk North London Metropolitan Magistrate' Court is-somma ta' ħames liri (£5) fil-ġimgħa għaliha u lira fil-ġimgħa oħra għal kull wieħed u waħda mill-imsemmija tfal sakemm l-istess tfal jagħlqu s-sittax-il sena. Il-pagamenti ta' liema somma settimanali għandhom isiru lir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati.

Rat id-dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni konsistenti fl-inkartament mibgħut lill-Qorti mill-uffiċċju tal-Prim Ministru, Malta, rigwardanti l-proċeduri għall-ordni msemmi fiċ-ċitazzjoni;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preżentati mill-konvenut f'dik is-seduta fejn oppona t-talba għaliex (1) hu, li hu kattoliku, ma iċċelebrax iż-żwieġ tiegħu "coram parocho et duolus testibus" kif trid il-liġi maltija u għalhekk iż-żwieġ tiegħu huwa null; (2) barra minn hekk martu Margaret Bruno hija ħatja ta' adulterju, ta' eċċessi, sevizji u inġurji gravi kontra tiegħu; u (3) illi tnejn mill-ulied imsemmija fl-ordni mhumiex tiegħu billi t-tifla Antoinette twieldet qabel iż-żwieġ u mhix tiegħu, u t-tifel Martin William ġie konċepit meta huwa kien imsiefer.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi b'verbal reġistrat fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 1964, il-konvenut iddikjara li ma jinsistiex iżjed għall-eċċezzjonijiet tiegħu dwar il-leġittimità tat-tfal u dana bla preġudizzju għal kwalunkwe eċċezzjoni u azzjoni dwar iż-żwieġ stess u talab illi biex jiġu evitati spejjeż il-Qorti flok tadotta il-kors li timponilu terminu biex jibda kawża għad-dikjarazzjoni tal-ineżistenza taż-żwieġ tippermettilu jipproċedi per via di eċċezione u dana medjanti n-notifika tal-mara u r-rappreżentanza tagħha f'dan il-ġudizzju, fuq liema verbal il-Qorti irreservat li tagħti provvediment, kif issa sejra tagħmel.

Illi għalhekk kwantu għat-tlett itfal ma baqax iżjed kontestazzjoni ħlief li l-Qorti tara jekk ir-rata alimentarja provvi-

żorjament akkordata min-North London Metropolitan Magistrates Court għandhiex tiġi ikkonfermata;

Illi fuq dan irriżulta li l-konvenut huwa baħri fil-marina merkantili u sa ftit ilu kien impjegat regolarment, għalkemm sakemm jibqa' Malta isibha iżjed diffiċili biex jerġa' jingaġġa fuq bastiment. Huwa stess xehed li l-aħħar li ħadem kien jaqla' £47 fix-xahar u li kien għamel allotment ta' £38 fix-xahar favur oħtu għax kellu jagħtiha. Kompla jgħid li għalkemm illum m'għadx għandu jagħtiha u ma għandux allotments favur ħadd, jekk jerġa' jingaġġa jerġa' jkollu jagħmel allotment lil oħtu, ċirkostanza li l-Qorti ssibha ftit diffiċili biex tinterpretaha ħlief bħala mezz biex iħalli flusu f'idejn oħtu.

Illi anke jekk il-konvenut mhux qiegħed jaħdem hu għadu fil-fjur tal-ħajja u b'saħħtu u jista', jekk ifittex sew, isib xogħol tant fuq il-baħar kemm fl-art, għalkemm il-vera sengħa tiegħu hija tal-baħar.

Illi r-rata ta' £1 fil-ġimgħa għal kull waħda mit-tfal mhijiex eċċessiva meta wieħed jikkonsidra li huma jgħixu Londra, fejn il-ħajja hija għola minn Malta, u l-konvenut ma għamel ebda sforz biex iġibhom jgħixu miegħu f'Malta. Għalhekk din il-parti tal-ordni tal-Qorti ta' Londra tista' tiġi konfermata.

Illi kwantu għal alimenti ta' mart il-konvenut huwa għamel diversi allegazzjonijiet fuqha kompriżi, fost dawk elenkati li jistgħu jiġu sollevati in opposizzjoni għat-taħrika, dawk elenkati fin-numri 5, 7 u 8 a fol. 8. Fuq dawn il-Qorti qegħda tagħmel riserva favur il-konvenut biex, jekk ikun il-każ, l-atti anki jiġu rinvjati lil Qorti ta' Londra għall-provi ulterjuri. Imma dan għandu proprjament isir biss wara li l-pożizzjoni tiċċara ruħha fuq il-punt gravi u importanti sollevat mill-konvenut, tant bin-nota fuq imsemmija kemm waqt id-deposizzjoni ġuramentata tiegħu, dwar l-ineżistenza taż-żwieġ tiegħu ma

Margaret Bruno fuq il-bażi li hu, skond il-liġi ta' Malta, fejn għadu domiċiljat, biex jikkuntratta żwieġ validu jrid jiżżewweġ skond ir-riti preskritti mill-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, diffikultà rikonoxxuta anki minn awtoritajiet legali li mhumiex Maltin (Cheshire, Private International Law, 2nd Edit. p. 353).

Fil-fatt il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, għalkemm il-Qorti ma tridx, peress li dan għaliex mhux kompitu tagħha, tippronunzja ruħha fuq dan il-meritu, tagħti lill-konvenut ċerta bażi ta' azzjoni għad-dikjarazzjoni tal-ineżistenza taż-żwieġ tiegħu kontratt biss ċivilment fl-Ingilterra, u għalkemm ukoll, min-naħa l-oħra, sakemm dak iż-żwieġ ma jiġix regolarment impunjat fil-kontestazzjoni tal-leġittima kontraditriċi, li hija Margaret Bruno, dak iż-żwieġ għadu validu skond il-liġi tal-Ingilterra, li hija "lex loci contractus".

Illi l-konvenut qiegħed jitlob skond il-verbal fuq imsemmi biex il-Qorti tippermettilu jimpunja ż-żwieġ "ope exceptionis". Imma kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina in re "Il-Qorti vs. Carmelo Formosa et" (18 ta' Marzu, 1957) meta tingħata eċċezzjoni bħal din f'kawża ta' konferma ta' "provisional maintenance order", il-mara li tkun qegħda fil-pajjiż minn fejn emana l-ordni provvisorju, għalkemm oriġinarjament parti, ma tkunx preżenti fit-trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Qorti imsejħa biex tiddeċiedi għandhiex jew le tikkonferma dak l-ordni, u huwa kontra l-prinċipju fondamentali tal-"Audi alteram partem" li din il-Qorti tippronunzja ruħha fuq materja tant gravi bħall-validità jew aħjar eżistenza taż-żwieġ mingħajr il-kontestazzjoni tal-konjugi l-ieħor bħala leġittimu kontradittur b'azzjoni apposita deċiża in via prinċipali, jew almenu mingħajr ma tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti oriġinali biex tisma' l-provi ulterjuri fuq dak l-inċident. Infatti f'dak il-każ l-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina ddikjarat nulla sentenza li ma osservatx din il-prekawżjoni essenzjali.

Illi għaldaqshekk hemm favur it-talba tal-konvenut biex jiġilu permess jipproċedi "by way of defence" minflok "by way of action" tant l-alternativa prospettata subordinatament mill-għola Qorti tagħna kif fuq intqal, kemm il-fatt li anki fil-lista ta' oġġezzjonijiet possibili elenkati min-North London Magistrates Court (fol. 8 tal-proċess) fin-Numru 3, hemm iddifiża li "at the date of the order there was no valid marriage subsisting between the Applicant and Defendant". B'dana kollu l-Qorti hija tal-fehma li fis-sistema proċedurali tagħna, nonostanti dak li sar fil-kawża ta' Scott jew Scotto deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 1937, u fuq l-istregwa tad-deċiżjoni iżjed reċenti fil-każ ta' Formosa wara li ġie rinvjat lil din il-Qorti mill-Onor. Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, il-kors l-iżjed prudenti, fl-apprezzament tal-Qorti dwar l-aħjar metodu tal-istruzzjoni tal-kawża, huwa li l-Qorti takkorda terminu lill-konvenut biex, jekk jidhirlu, jaġixxi in via prinċipali kontra Margaret Bruno, għal bżonn rappreżentata minn kuraturi kif huwa possibili skond il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ta' Malta, għal dikjarazzjoni ġudizzjarja tal-ineżistenza taż-żwieġ tiegħu magħha. Infatti jekk il-Qorti tadotta l-kors subordinatament prospettat mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina (b'aċċenn għal każ ta' Scotto hemm riferit) ma jittieħed l-ebda pass verament materjali 'l quddiem għax il-possibilità li Margaret Bruno u l-konsulenti legali tagħha fl-Ingilterra, li naturalment jikkunsidraw iż-żwieġ tagħha validu skond il-liġi Ingliża, jammettu li l-ineżistenza taż-żwieġ hija tant remota li tista' liberament tiġi mwarrba, u verament il-kontestazzjonijiet li hija għandha jkollha l-possibilità li tagħmel skond il-prinċipji tal-ġustizzja huma kontestazzjonijiet li għandhom isiru f'kawża "ad hoc", quddiem Qorti Maltija, taħt il-liġi Maltija li hija tkun talvolta trid tikkunbatti filkamp tad-Dritt Internazzjonali Privat, u ma għandhomx jiġu limitati biss għall-kontestazzjoni materjali tal-fatt tan-natura taċ-ċerimonja ċelebrata. Min-naħa l-oħra l-Qorti, waqt li tapprezza l-attitudini tad-difensur tal-konvenut, kif partikolarment

manifestata fil-parir prattiku li tah dwar it-tfal, (li fl-aħħar mill-aħħar ikunu dejjem putativi jekk ommhom kienet in buona fede meta ikkuntrattat iż-żwieġ), ma tistax tara kif tista' tagħmel biex teżawdixxi bil-mod xieraq it-talba tal-konvenut għan-notifika ta' Margaret Bruno u r-rappreżentanza tagħha f'din il-kawża t'issa. Dan jista' jsir biss bl-istitut tal-intervent "in statu et termine" jew tal-kjamata in kawża. L-ewwel wieħed jiddependi unikament mill-istanza tagħha, mentri t-tieni forma ma tistax issir kontra persuna li hija barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti. Il-kjamata in kawża ta' Margaret Bruno permezz ta' kuraturi f'din il-kawża ma tidhirx possibili u l-anqas konsiljevoli.

Għal dawn ir-raġunijiet u taħt iċ-ċirkostanzi attwalment eżistenti, u wara li rat id-disposizzjonijiet tal-Maintenance Order (Facilities for Enforcement) Ordinance (Kap. 76 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti (1) tikkonferma d-digriet mogħti mill-Qorti msemmija fiċ-ċitazzjoni fil-21 ta' Novembru, 1962, in kwantu jirrigwarda t-tlett itfal minuri msemmija fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut u (2) tipprefiġġi lill-konvenut żmien sat-28 ta' Ġunju, 1964, biex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu dwar l-ineżistenza taż-żwieġ tiegħu ma' Margaret Bruno b'azzjoni diretta in via prinċipali quddiem il-Qorti kompetenti ta' Malta, u (3) tħalli l-kawża għas-seduta tat-tletin ta' Ġunju, 1964 biex f'każ li l-konvenut jikkonforma ruħu mal-premess il-Qorti tkun tista' tagħti provvediment għas-soprasessjoni ta' din il-kawża sakemm tinqata' l-kawża l-oħra u, f'każ li ma jiddeduċix fil-mod u żmien lilu prefiss, ikunu jistgħu jittieħdu l-provvedimenti oħrajn opportuni għall-każ, mhux esklus, jekk il-Qorti tkun allura sodisfatta li hemm fuq hiex, kull provvediment xieraq għal rinviju lil Qorti ta' Londra għal ġbir ta' provi ulterjuri fuq ir-raġunijiet ta' oppożizzjoni sollevati mill-konvenut fir-rigward ta' Margaret Bruno.